## Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**[Spettur Sarah Kathleen Zerafa]**

**vs**

**Clint Mercieca**

**Kumpilazzjoni Numru: 419/2020**

**Illum, 18 ta' Settembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Clint Mercieca** detentur tal-karta tal-identità numru 286389M li gie akkuzat talli:

**Nhar is-17 ta' Lulju 2019 u fil-granet ta' wara gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:-**

1. **Xjentement laqa' ghandu jew xtara Ipad u mobile tad-ditta Iphone misruqa, mehudin b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.**

**Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundadnnat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru definittivi.**

**Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Awwissu 2020 li biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jinstemghu b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuza kif dedotta kontrih filwaqt li ma ddikjarax ruhu hati inkwantu tal-addebitu tar-recidiva.

Rat illi l-imputat ikkonferma tali ammissjoni fis-seduta odjerna u ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Semghet ix-xhieda kollha prodotti a rigward l-addebitu tar-recidiva;

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi l-uniku punt li din il-Qorti trid tiddibatti fuqu hija l-kwistjoni tal-addebitu tar-recidiva. Rat illi f'dan ir-rigward giet esebita l-fedina penali tal-imputat kif ukoll xehdet l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Sarah Zerafa fejn esebiet zewg sentenzi li gew immarkati bhala Dok. SZ5 u SZ6. Illi din il-Qorti tinnota illi filwaqt illi f'dawn is-sentenzi l-konnotati tal-imputat jaqblu ma' dawk tal-imputat odjern, xorta wahda l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova dan l-addebitu oltre l-grad li trid il-ligi kriminali ghaliex ma ngabitx il-prova tant necessarja li dawn is-sentenzi saru definittivi. Illi b'dan

ukoll illi din il-Qorti tinnota li dawn iz-zewg sentenzi jittrattaw fuq serq fejn fihom, minflok inghata piena, gie moghti Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi mir-rapport tal-PIRS dawn iz-zewg oggetti gew mixtrija komplessivament ghall-ammont ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400).

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi d-definizzjoni legali tar-reat ta' ricettazzjoni tinsab fil-Kodici Kriminali fl-Artikolu 334 li jghid hekk:

> *"Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati –*
>
> *<u>(a) jekk il-haga tkun gejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-haga;</u>*

*(b) jekk il-haga tkun gejja minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, bil-piena li hemm ghal min hekk jakkwista jew izomm;*

*(c) jekk tkun gejja minn frodi, bil-pieni li hemm ghal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-haga tkun gejja:"*

Illi stante illi hareg mill-atti illi dawn l-oggetti gew minn serq din il-Qorti ser tapplika s-subparagrafu (a) tal-Artikolu hawn fuq citat u ghalhekk ser tapplika l-piena stabbilita ghal serq aggravat bl-ammont.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 334(a) u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Clint Mercieca hati tal-akkuza kif dedotta kontrih izda mhux tal-addebitu tar-recidiva u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**